MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 1154/2003

**Ingrid Vella.**

**vs**

**Simon Farrugia.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 31 ta’ Ottubru 2003 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-konvenut kien gharus ma’ l-attrici ghal izjed minn tmien snin f’liema perijodu kien anke ottjena annullament minn ma’ martu quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku li tah dan l-annullament specifikament biss f’kaz illi huwa jizzewweg lill-attrici.

Illi l-kontendenti kienu bi hsiebhom jizzewgu nhar il-Gimgha 13 ta’ Gunju 2003 tant illi kienu ghazlu l-muzicisti li kellhom idoqqu fit-tieg taghhom, ghamlu depositu mal-fotografu li kellu jigbdilhom ir-ritratti u l-*video* tat-tieg *oltre* li l-attrici kienet ukoll gia` xtrat il-libsa tat-tieg taghha u kienu gia` bdew jircievu r-rigali tat-tieg.

Illi hin bla waqt l-attrici kienet giet infurmata minn persuna li fuqu setghet isserrah rasha li l-konvenut kien ilu jiffrekwenta mara ohra *ad insaputa* taghha ma’ liema persuna kellu relazzjoni sesswali u liema persuna ghadu sallum jiffrekwentaha.

Illi rinfaccjat bl-akkuza ta’ infedelta` da parti tal-attrici l-konvenut ammetta r-relazzjoni li kellu ma’ din il-persuna.

Illi wara li l-attrici ghamlet indagni skopriet li r-relazzjoni sesswali li kellu l-konvenut waqt l-gherusija ma kinux biss ma’ persuna wahda jigifieri dik indikata izjed ‘il fuq izda ma’ almenu tliet persuni ohra.

Illi dan l-agir da parti tal-konvenut ta raguni valida lill-attrici sabiex thassar l-gherusija.

Illi fil-kors taz-zmien li qattghu flimkien bhala gharajjes il-kontendenti, l-attrici xtrat diversi rigali lill-konvenut *oltre* li nefqet diversi flejjes ohra fl-interess tieghu u okkorriet spejjez ohra in kontemplazzjoni taz-zwieg.

Illi nterpellat jirrifondi r-rigali li l-attrici tatu matul l-gherusija jew il-valur taghhom *oltre* li jirrifondi rigali li l-kontendenti kienu rcevew qabel it-tieg u li jersaq ghal likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-attrici in segwitu ghat-thassir tal-gherusija l-konvenut baqa’ inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi bl-infedelta` tieghu l-konvenut ta lok ghal ksur ta’ l-gherusija ta’ bejn il-kontendenti, da parti tal-attrici.

2. Tordna lill-konvenut jirritorna lill-attrici dawk ir-rigali kollha illi kienet tatu matul l-gherusija jew l-ekwivalenti tal-istess fi flus kontanti kif ukoll tordna illi l-konvenut jghaddilha l-oggetti li nxtraw bhala rigali ghall-koppja in kontemplazzjoni taz-zwieg filwaqt li tordna illi l-attrici ghandha zzomm ir-rigali kollha moghtija mill-konvenut lilha fl-istess zmien.

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici in segwitu ghar-rizeliment tal-gherusija u dan jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

4. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici *in linea* ta' danni s-somma li tigi hekk likwidata.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tad-9 ta' Ottubru 2003 u dawk tal-mandat ta' sekwestru numru …./03 kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi u l-lista tax-xhieda a fol. 2 u 3 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tas-26 ta' Marzu 2004.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Simon Farrugia datata 26 ta' Dicembru 2003 a fol. 12 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-konvenut kien ottjena annullament skond il-ligi u minghajr l-ebda kundizzjonijiet kif gie allegat mill-attrici fil-premessi tac-citazzjoni, liema premessi ghalhekk huma nfondati;

2. Illi l-kontendenti kienu bi hsiebhom jizzewgu nhar il-Gimgha 13 ta' Lulju 2003, u meta dawn iddecidew li jhassru l-imsemmi zwieg, dawn hassru wkoll l-ordnijiet li kienu ghamlu ghall-istess tieg, fost ohrajn il-muzicisti u l-fotografu;

3. Illi l-gherusija bejn il-konvenut u l-attrici spiccat ghal ragunijiet normali fejn iz-zewg partijiet qablu flimkien li ma kinux lesti ghal hajja konjugali; l-ksur tal-gherusija mhux veru li kienet dovuta ghall-infedelta` tal-konvenut;

4. Illi waqt l-gherusija l-konvenut, kuntrarjament ghal dak allegat mill-attrici, qatt ma kellu relazzjoni jew relazzjonijiet ma' nisa ohra kif allegat l-attrici;

5. Illi l-konvenut qatt ma rcieva rigali specjali minghand l-attrici, u qatt ma rcieva flus minghand l-istess attrici, jew gieghel l-attrici thallas ghal affarijiet fl-interess tieghu in kontemplazzjoni taz-zwieg;

6. Illi l-konvenut ircieva minghand l-attrici rigali u fl-istess hin ta lill-attrici rigali, u m'ghandu l-ebda nteress li jzomm dawn peress illi m'ghandhom l-ebda sinifikat jew valur specjali;

7. Illi kuntrarjament ghal dak li sostniet l-attrici, l-konvenut jissottometti li r-rigali kollha tat-tieg li kienu rcivew hadithom l-attrici u l-konvenut ma ha xejn;

8. Illi wara li thassret l-gherusija, l-attrici kellha ripensament u kienet irrikorriet ghal mezzi spropozzjonali sabiex tipprova tipperswadi lill-konvenut jizzewweg, tant li kienet ghamlet pressjoni fuq il-genituri tal-konvenut, kif ukoll ghamlet talba ghal flus bhala kumpens sabiex taghmel aktar pressjoni sabiex tizzewweg;

9. Illi l-konvenut kien konvint bid-decizzjoni tieghu u kien accetta li jhallas l-ispejjez kollha hu, tant li meta l-attrici kienet talbet ghas-somma ta' tnax-il elf Lira (Lm12,000 = €27,9542.48) bhala kumpens ghal fond li kienu xtraw flimkien kif ukoll ghal spejjes ohra, l-istess konvenut kien minn jeddu hallas lill-attrici s-somma ta' hmistax-il elf Lira (Lm15,000 = €34,940.60) sabiex din zgur tkun koperta;

10. Illi l-attrici qalet li sofriet danni 'in segwitu ghar-rizelment ta' l-gherusija', izda naqset milli tghid x' kienu dawn id-danni, u kif soffriethom wara r-rizelment ta' l-

gherusija; l-attrici fil-waqt li talbet lill-Qorti tordna lill-konvenut jirritornalha rigali f'ebda hin la fic-citazzjoni u lanqas fid-dikjarazzjoni tal-fatti ma specifikat ghal xiex kienet qieghda tirreferi li jwassal ghan-nullita` tac-citazzjoni, *oltre* li dan jista' jaffettwa l-kompetenza tal-Qorti ***ratione valoris.***

Salv eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 14 u 15 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fid-9 ta' Frar 2006, fejn il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli sabiex izzomm seduta wahda ghall-kontro-ezami tal-konvenut u zewg seduti ohra biex il-konvenut jaghlaq il-provi tieghu fil-mori ta' dan id-differiment, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura tal-affidavit, u l-provi tal-partijiet gew dikjarati maghluqa. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-20 ta' Gunju 2006.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli bix-xhieda quddiemha prodotta u bid-dokumenti esebiti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta fejn fis-seduta tad-19 ta' Frar 2008 meta ssejhet il-kawza deher Dr. David Farrugia Sacco ghall-konvenut prezenti u Dr. Kenneth Grima ghall-attrici prezenti. Id-difensuri prezenti trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Gunju 2008.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-oħra tal-kawża.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din il-kawza hija dwar thassir ta’ gherusija u mill-provi prodotti rrizultaw is-segwenti fatti li mhumiex kontestati fis-sens li l-partijiet bdew johorgu flimkien fl-1994 fiz-zmien li l-konvenut kien mizzewweg. L-attrici kienet konxja ta’ dan il-fatt. Sussegwentement, il-konvenut issepara minn ma’ martu u sahansitra dan l-ewwel zwieg tieghu gie dikjarat null mit-Tribunal Ekklesjastiku f’Lulju 2000 u f’Awissu 2000 it-Tribunal tat-Tieni Istanza kkonferma din id-decizjoni.

Illi r-relazzjoni bejniethom kompliet u l-partijiet kienu anki ffissaw data sabiex jizzewgu. Din kienet ghat-13 ta’ Gunju 2003. Izda wara tmien snin flimkien il-partijiet temmew ir-relazzjoni taghhom u dan biss ftit xhur qabel id-data li kellhom iffissata sabiex jizzewgu.

Illi l-attrici sostniet li din l-gherusija tkissret minhabba l-infedelta’ tal-konvenut, izda l-konvenut min-naha tieghu jichad tali allegazzjoni u sostna li l-gherusija spiccat ghal ragunijiet normali fejn iz-zewg partijiet qablu flimkien li ma kienux lesti ghal hajja konjugali.

Illi dwar il-kuncett ta’ thassir ta’ gherusija jinghad fis-sentenza **“Bernarda Caruana et vs Giuseppe Borg”** (13 ta’ Mejju 1952) li l-azzjoni ghar-rizarciment ta’ danni proprju minhabba reziliment ingust ta’ gherusija tirrikjedi, biex tista’ tigi milqugha, li kien hemm l-gherusija bejn il-kontendenti, li din l-gherusija tkissret mill-konvenut minghajr gusta kawza, u li minhabba dan it-thassir il-parti l-ohra sofriet danni materjali. Huwa stabbilit li sabiex tirnexxi din l-azzjoni u biex jinghad li hemm gherusija mhux mehtieg li kien hemm kuntratt formali tal-gherusija, u lanqas li jkun gie moghti c-curkett. Kif lanqas ma huwa mehtieg li jkun hemm l-istipulazzjoni taz-zmien ghac-celebrazzjoni taz-zwieg, jew il-konjizzjoni jew il-kunsens tal-genituri. Dak li hu mehtieg hija l-kapacita’ tal-partijiet li jikkuntrattaw l-gherusija; u din il-kapacita’ hija dik stess li wiehed ikun jista’ jikkuntratta z-zwieg.

Illi mbaghad fis-sentenza **"Giusa Bellia vs Giuseppe Grech"** (26 ta' Mejju 1958) intqal li guridikament il-weghda taz-zwieg tikkostitwixxi veru u proprju kuntratt bilaterali; u wiehed mill-effetti taghha huwa li ma tistax tithassar hlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew ghal ragunijiet maghrufin mil-ligi. F'materja ta' sponsali, imbaghad, il-Proklama tat-28 ta' Gunju 1834 jiddisponi illi jekk persuna kapaci skond il-ligi taghmel weghda, kuntratt jew konvenzjoni, dwar ic-celebrazzjoni taz-zwieg, u tiksirhom volontarjament u illegalment, il-parti offiza jkollha l-jedd li tezercita l-azzjoni tad-danni kontra l-parti hatja tal-ksur jew tan-nuqqas ta' ezekuzzjoni, b'dak il-mod u taht l-istess regoli stabbiliti mill-ligi ghat-talba ta' danni ghall-ksur ta' kull weghda, kuntratt jew konvenzjoni ohra; jigifieri illi l-isponsali gew parifikati ghall-kuntratti l-ohra in generali. Dan il-principju gie kkonfermat fis-sentenza **"Francesco Penza vs Giuseppe Cachia"** (16 ta' Novembru 1959).

Illi l-kawza gusta li taghti lok ghar-reziliment tal-gherusija ghandha tigi ravvisata f'ostakolu jew impediment ta' natura gravi, u jrid ikun fondat, u mprevedibbli (*vide* **"John Caruana et vs Angiolino Cilia"** – 4 ta' Dicembru 1964). Kif intqal fil-kawza fl-ismijiet **"Inez Barbara vs Carmel Ghigo"** (App Civ – 5 ta' Marzu 1991) dak li jikkwalifika l-gravita' tas-sitwazzjoni huwa r-rifless fid-decizjoni li wiehed jizzewweg, cioe' l-obbligu li ghandu l-gharus jew l-gharusa, li jesegwixxi dak li jkun wieghed – in-natura tal-kuntratt imwieghed huwa tali li rtirata minnu timponi gravita' ta' motivazzjoni (**"Alfred Aquilina vs Miriam Bonello et" –** P.A. (DS) 6 ta' Dicembru 2002 - Cit Nru:94/79/DS).

Illi fl-ahharnett jinghad ukoll li f'materja ta' danni, f'kazijiet ta' thassir ta' gherusija ghandha ssir distinzjoni bejn danni morali u danni materjali *stante* li dawn iz-zewg figuri guridici jemanu minn ligijiet differenti. Fil-kawza **"Vittorio Farrugia vs Angela Chircop"** (Vol XXIV.i.945) l-Onorabbli Qorti tal-Appell osservat li l-iskop tal-**Proklama VI** (illum **Kap.5**) huwa l-introduzzjoni ta' rimedju ghar-rizarciment tad-danni morali *"ossia un compenso dell'ingiuria sofferta"* konsegwenza tal-ksur tal-weghda

taz-zwieg liema somma hija likwidabbli mill-Qorti; izda ghalkemm ghall-applikazzjoni ta’ din il-ligi jehtieg li l-promessa tkun saret bil-miktub kif jiddetta l-**artikolu 1233 (g) tal-Kap 16**, in-nuqqas ta’ skrittura ma tirrendix inammissibbli azzjoni ghad-danni materjali effettivament sofferti konsegwenzjalment ghal *ingiusta azione* tal-kolpevoli, peress li d-dritt ghal dawn id-danni jemani minn ligi diversa (**“Josef Grech vs Joanne Testa” –** P.A. (NC) - Cit Nru: 11 ta’ Mejju 2004 - 1890/00/NC).

Illi ghar-rigward tal-kawza odjerna jinghad li din mhiex bazata fuq l-**Att dwar il-Weghdiet taz-Zwieg (Kap 5)** ghaliex ma jirrizultax li kien hemm ftehim bil-miktub, izda hija bazata fuq id-disposizzjonijiet generali tal-Kodici Civili u senjatament l-**artikolu 1031** li jipprovdi li kulhadd ghandu jwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu, u l-**artikolu 1125** billi huwa naqas li jesegwixxi l-obbligazzjoni li kkuntratta; kif ukoll l-**artikolu 1809**.

Illi kif inghad biex din l-azzjoni ghad-danni tirnexxi f’kazijiet bhal dawn jehtieg li jikkonkorru s-segwenti fatturi (1) l-ezistenza ta’ gherusija; (2) reziliment ingust da parti tal-konvenut; (3) danni materjali konsegwenza ta’ dan ir-reziliment.

Illi fil-kawza odjerna mhux kontestat li kienet tezisti gherusija bejn il-partijiet tant li kellhom data taz-zwieg kif ukoll kien hemm fond u ghalkemm kien inxtara minn Simon Farrugia, l-attrici kkontribwixxiet ghal xi affarijiet ghaliex dan kien ser jintuza’ bhala d-dar matrimonjali.

Illi fl-ewwel lok hemm bzonn li tigi analizzata jekk ir-reziliment ta’ l-gherusija kienx ingust da parti tal-konvenut. Mill-provi jirrizulta li bhala fatt kienet l-attrici li waqqfet l-gherusija pero’ li l-konvenut m’oggezzjonax min-naha tieghu. Hawnhekk tajjeb li ssir referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza **“Joseph Grech et vs John Amato et”** (P.A. (JRM) – 31 ta’ Jannar 2001 - Cit Nru:781/00/JRM) fis-sens:-

*“Illi minn dejjem gie meqjus li t-thassir tal-gherusija minn xi wahda mill-partijiet m’huwiex raguni biex wiehed jahseb*

*jew jifhem li l-htija tat-thassir issehh minhabba l-persuna li hadet id-decizjoni li ttemmha. L-izjed importanti huwa li wiehed isib x'kienet ir-raguni li ghaliha dik il-persuna kienet imqeghda f'sitwazzjoni li jkollha thassar dik l-gherusija [ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tas-6 ta' Lulju,1992 fil-kawza fl-ismijiet* <u>*Emanuel Borg vs Therese Barbaro*</u> *(Kollez. Vol. LXXVI.iii.630)];"*

Illi kif gie ritenut fis-sentenza **"Marthese Zammit et vs Ivan Zammit"** (P.A. (TM) – 6 ta' Mejju 2004 - Cit. Nru: 1350/93/TM) huwa principju car u indiskuss li anki jekk tkun tezisti weghda formali ghaz-zwieg, dik il-weghda formali ghaz-zwieg mhix enforzabbli fil-Qorti, u ebda Qorti ma tista' iggieghel lil xi parti tersaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg – *"liberas esse debet matrimonium".* Min-naha l-ohra, l-parti li thassar l-gherusija minghajr gusta kawza, mhix libera minn kull konsegwenza, u meta jigri hekk, dik il-parti skond il-gurisprudenza, trid thallas ghad-danni li sehhew b'rizultat ta' dak ir-reziliment ingust.

Illi fil-kaz in kwistjoni l-attrici xehdet li meta ltaqghet mal-konvenut huwa kien ghadu jghix ma' martu, u kien huwa li kien ikkoretteggaha meta hija kien ghad kellha 20 sena u l-konvenut kellhu 26 sena; waqfet ir-relazzjoni darbtejn ghaliex kien ghadu mizzewweg, izda minhabba l-insistenza tieghu regghu komplew bir-relazzjoni. Imbaghad issepara u pprezenta talba ghall-annullament taz-zwieg tieghu lit-Tribunal Ekklesjastiku. Matul dawn il-proceduri hija xehdet. Kif diga' inghad, iz-zwieg tieghu gie dikjarat null f'Lulju 2000. Hija sostniet in kontro-ezami li l-konvenut ottjena dan l-annullament bil-kundizzjoni li kellu jizzewweg lilha. Sussegwentement iffissaw data ghaz-zwieg li kellu jkun fit-13 ta' Gunju 2003. Hija xehdet li hekk kif gab l-annullament hija hasbet li ma tantx kienu ser idumu biex jizzewgu izda tghid li meta l-konvenut rega' gie "guvni" beda jdum barra ma' shabu u jdum barra ta' spiss. Huwa kien jahdem bhala *sports reporter* fuq bazi *part-time* u kien jinsisti maghha li l-attivitajiet socjali kienu parti integrali mix-xoghol tieghu. Meta hija tghid li ma felhitx aktar, fis-Sajf tas-sena 2001 hadu *break* fuq suggeriment taghha u f'perjodu ta' xahrejn il-konvenut siefer darbtejn. Izda tlett xhur wara li spiccaw milli johorgu

flimkien il-konvenut mar lura minn jeddu ghand l-attrici sabiex jergghu jibdew ir-relazzjoni taghhom u hija hasset li kellha ttih cans iehor. B'hekk hija kompliet bil-preparamenti taz-zwieg.

Illi fil-Milied 2002 rega' beda jinqala' l-inkwiet min-naha tieghu bhal qabel. Hija sostniet li f'Dicembru 2002 huwa ltaqa' mat-tfajla Elaine li llum hija martu. Hija saret taf b'dan biss wara li spiccaw mir-relazzjoni ta' bejniethom. Hija tghid li kkonfrontatu u qalilha li kien qed jerga' jibza' jizzewweg u li xi kultant ahjar jibqa' guvni, jaghmel ftit zmien ma' tfajla u daqshekk. Meta waqfu attendew ghal sessjonijiet ta' *psychoterapy.* Sadanittant waslu ghal ftehim dwar il-post u hija xehdet li kien proprju wara dan il-ftehim li saret taf minghand shabu u kollegi tax-xoghol tieghu kemm kien ittradiha matul l-gherusija kollha – hija semmiet lil Caroline Attard u Hilary Attard.

Illi Simon Farrugia min-naha tieghu cahad li l-annullament inghata b'kundizzjoni li jizzewweg lill-attrici. Huwa xehed li kien minnu li kien ikollu hafna attivatijiet socjali u hafna drabi wahdu minhabba xogholu. Huwa sostna li pero' dejjem gab ruhu ta' nies u l-istess jinghad ghal dak li jirrigwarda safar. Xehed li fis-sena 2001 beda jinqala' certu dizgwid fir-relazzjoni taghhom. Huwa talab sabiex jieqfu ghal ftit u bdew johorgu mal-hbieb separatament. Fil-frattemp veru siefer darbtejn pero' dan kien fuq xoghol. Huwa cahad li beda johrog ma' tfajla ohra, illum martu, meta r-relazzjoni tieghu u ta' l-attrici kienet ghadha ghaddejja. Anzi beda johrog maghha f'Mejju 2003 u mhux fuq bazi regolari mill-ewwel.

Illi bhal ma gie ribadit fis-sentenza surriferita **"Grech vs Testa"** gie osservat fil-gurisprudenza nostrana li f'kaz ta' konflitt fil-provi l-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilita' u specjalment tal-konsistenza u verosomiljanza ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. (PA (MCC) **"Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia"** - 24 ta' Novembru 1966).

Illi proprju fil-kaz odjern din il-Qorti ghandha zewg versjonijiet kunfliggenti. L-attrici sahqet dwar l-infedelta' tal-konvenut filwaqt li huwa jichad kategorikament. Abbazi tal-provi prodotti din il-Qorti hija konvinta li l-versjoni moghtija mill-attrici hija l-aktar wahda kredibbli u dan ghal diversi ragunijiet. Fl-ewwel lok hija kienet pjuttost konsistenti f'dak li xehdet in ezami u kontro-ezami. Huwa minnu li fiz-zmien ta' l-gherusija hija ma ssusspettat xejn pero' xehdet fis-sens li l-konvenut kien johrog hafna drabi wahdu u jdum barra. Omm il-konvenut stess ikkummentat dwar dan il-fatt mal-attrici stess (a fol. 38 tal-process). Fit-tieni lok, ix-xhieda ta' Hilary F. Attard tikkorrobora mhux bi ftit ix-xhieda ta' l-attrici. Dan ix-xhud xehed li Simon Farrugia kien icempillu biex ighidlu ma' liema tfajla kien mar u sa anki wrielu ritratti ta' xi tfajliet barranin li kien mar maghhom. Mhux hekk biss talli gieli qallu li kien se johrog ma' xi tfajla u kien se jghid lil Ingrid Vella li kien se jkun ghand ix-xhud fil-flat tieghu Bugibba. Lil Ingrid Vella pero' x-xhud qalilha dan kollu wara li kienet spiccat ir-relazzjoni taghha mal-konvenut. Simon Farrugia allega li Hilary Attard ghandu ghalih u ghamillu hafna hsara u li sa anki rapporti fl-Ghassa ta' Pulizija saru pero' dan kollu ma giex ippruvat. Fit-tielet lok, gew prezentati s-sentenzi li nghataw fil-kaz ta' annullament ta' Simon Farrugia u l-ewwel mara tieghu. Din il-Qorti mhix se tidhol fid-dettalji *stante* li jirrigwardaw anki terza persuna li mhix parti f'dawn il-proceduri. Izda minn qari ta' dawn is-sentenzi jirrizulta b'mod car id-disposizzjoni tal-konvenut li jkun infidil lejn is-siehba tieghu u dan ripetutament u minghajr ebda turija ta' dispjacir ghal tali mgieba. Jinghad ukoll, pero', li mill-atti pprezentati ma jirrizultax li l-konvenut ottjena l-annullament bil-kundizzjoni li jizzewweg lil Ingrid Vella tant hu hekk li t-tnehhija tal-*vetitum* saret biex jizzewweg. Hawn wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li l-partijiet ghamlu snin flimkien u kienet haga serja necessarjament sabiex waslet ghal dan it-thassir ta' l-gherusija u f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-versjoni tal-konvenut li l-partijiet hassru kollox ghax kien spicca kollox bejniethom ma hijiex konvincenti; l-istess konvenut jakkuza lill attrici li hija talbet lill-genituri tieghu xi flus wara t-thassir tal-gherusija, pero' dan mhux biss ma jirrizultax

izda addirittura huwa michud mill-genituri tal-konvenut stess. Ghalhekk din il-Qorti thoss li l-attrici ppruvat li l-gherusija bejn il-partijiet thassret tort tal-konvenut u dan minhabba l-infedelta' tieghu.

Illi l-attrici qeghda titlob danni materjali permezz ta' dawn il-proceduri u fuq dan il-punt jinghad li jirrizulta li meta spiccat l-gherusija l-konvenut hallas lill-attrici s-somma ta' erba' u tletin elf disa' mija u erbghin Euro u sittin centezmu (€34,940.60 = Lm15,000) kif ukoll l-ammont ta' sitt mija u tnejn u erbghin Euro u wiehed u disghin centezmu (€642.91 = Lm276) u dan peress li hija kienet ikkontribwit u ghamlet xi spejjez fil-flat tal-konvenut li kien se jintuza' bhala d-dar matrimonjali taghhom. Infatti skond Dok. "SF5" (a fol 120 tal-process) jirrizulta li l-ammont ta' spejjez li Ingrid Vella kienet sborsat kien fl-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf sitt mija u erba' u sebghin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€28,674.47 = Lm12,309.95). Biss pero' minhabba t-trapass taz-zmien qablu li din is-somma tigi arrotondata. L-attrici sostniet li d-danni li qed titlob illum ma kienux inkluzi f'dak li diga' hadet.

Illi l-attrici rreferiet li hija qed titlob danni skond l-ittra ufficjali li kienet baghtet lill-konvenut. Din l-ittra ufficjali pero' ma gietxipprezentata fl-atti ta' din il-kawza. Infatti ghalkemm issemma li hija qed tippretendi ammont ghas-*psychotherapy sessions* li attendew l-ebda ricevuta ma giet prezentata biex tissostanzja tali talba. L-unici ricevuti li gew prezentati mill-attrici huma tal-hlas tal-libsa tat-tieg u tad-deposit ghar-ritratti – mitejn u tlieta u tletin Euro (€233 = Lm100.03). Rigward il-libsa tat-tieg l-attrici in kontro-ezami xehdet li inghatat *credit note* li hija tista' tuza' eventwalment u allura jirrizulta li ghar-rigward il-libsa tat-tieg ghandha tiehu d-differenza bejn il-prezz u l-*credit note* – hames mija u tnax-il Euro u sitta u erbghin centezmu (€512.46 = Lm220).

Illi l-attrici qed tippretendi wkoll ir-ritorn tar-rigali li kienet tat lill-konvenut matul l-gherusija u tat biss indikazzjoni ta' kemm kienet tonfoq bhala rigali.  Izda din il-Qorti thoss li effettivament dawn ma gewx ippruvati bhal ma gewx

ippruvati wkoll allegazzjonijiet ohra dwar allegati spejjez pretizi mill-attrici.

Illi ghalhekk t-talbiet attrici qed jigu milqugha biss fis-sens li l-konvenut qed jigi kkundannat li jhallas is-somma ta' seba' mija u hamsa u erbghin u sitta u erbghin centezmu (€1,890.46 = Lm811.57) lill-attrici *in linea* ta' danni.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad it-tieni talba attrici, u tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn deciz b'dan illi** :-

1) Tiddikjara u tiddeciedi li bl-infedelta' tieghu l-konvenut ta lok ghal ksur ta' l-gherusija ta' bejn il-kontendenti;

2) Tichad it-tieni talba attrici *stante* li ma gietx ippruvata;

3) Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici in segwitu ghar-rizeliment tal-gherusija fl-ammont ta' seba' mija u hamsa u erbghin Euro u sitta u erbghin centezmu (€745.46 = Lm320.03);

4) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici *in linea* ta' danni s-somma ta' seba' mija u hamsa u erbghin Euro u sitta u erbghin centezmu (€745.46 = Lm320.03);

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tad-9 ta' Ottubru 2003 u dawk tal-mandat ta' sekwestru kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------